MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Appell Kriminali Numru. 96/2004

**Il-Puluzija**
**(Spt. Bernard Zarb)**
**Vs**
**Martin James**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn Dicembru tas-sena 2003, u l-24 ta' Marzu, 2004, f'Bormla, f'Rahal Gdid u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda;**

**1. B'ghemil zieni, ikkorompa persuna u cioe' lil Sharon Borg, liema persuna hija taht l-eta' u dan bi ksur ta' l-artikolu 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**2. U talli minghajr l-ordni ta' l-awtorita kompetenti ta' l-awtorita kompetenti arresta jew zamm persuna u cioe' lil Sharon Borg kontra l-volonta' taghha jew ta il-post fejn tinzamm tali persuna u dan bi ksur ta' l-artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**3. U aktar talli ghamel attentat vjolenti ghall-pudur ta' l-imsemmija minorenni Sharon Borg u dan bi ksur ta' l-artikolu 207 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**4. Illi b'hekk Martin James sar recidiv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-25 ta' April 1996 u fid-29 ta' Lulju 1997.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Marzu, 2004, li biha wara li rat l-artikolu 203, 86, 207, 47, u 50 tal-Kap 9 sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sena (1) skond l-artikolu 28 A tal-Kap 9. Inoltre obbligat lill-imputat sabiex ma jimmolestax lill-Sharon Borg sa zmien sena fuq penali ta' Lm100 multa fin-nuqqas skond l-artikolu 383 tal-Kap 9.

**Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fl-14 ta' April, 2004, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet l-appellat hati ta' l-akkuzi kollha, w tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lil Martin James ghal zmien ta'**

**prigunerija ta' sitt xhur sospizi ghal sena mid-data tas-sentenza, u minflok tinfliggi l-piena skond il-Ligi.**

Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe' illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet taghti piena ta' prigunerija sospiza skond l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali . Dan ghaliex l-artikolu 28A(7) jipprekludi lill-Qorti milli tapplika din il-piena meta tiddisponi espressament li ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) tal-istess artikolu m'ghandux isir meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini tal-artikolu 50 tal-imsemmi Kodici . Ghalhekk il-piena erogata ma kienetx fix-xorta jew fil-kwantita' taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghar-reati ammessi mill-appellat waqt l-ezami bla gurament imsemmi fl-artikolu 390(1) tal-Kodici Kriminali.

**Fliet l-atti kollha processwali ,**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi l-artikolu 28A (7) (b) jiddisponi li :-**

**"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu MA GHANDUX ISIR (emfasi ta' din il-Qorti) f' xi wiehed mill-kazijiet li gejjin :-**

**(b) meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini tal-artikolu 50"**

**Illi ma hemmx kwistjoni li f'dan il-kaz l-appellat kien gie akkuzat ukoll bir-recidiva , ammetta l-akkuzi kollha w l-addebitu tar-recidiva w fil-fatt l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ccitat l-artikolu 50 li jittratta dwar ir-recidiva, fost l-artikoli minnha konsidrati u li taghhom instab hati.**

**Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti jidher li kienet prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza f'dan il-kaz u kienet marbuta li una volta iddecidiet li tinfliggi l-piena karcerarja applikabbli ghar-reati li l-appellat**

**kien ammetta l-htija taghhom w li kien instab hati taghhom, din ma setghetx tkun sospiza . Konsegwentement l-appell tal-Avukat Generali jidher gustifikat skond il-ligi.**

**Illi f'kazijiet bhal dawn idejn din il-Qorti jkunu marbuta ghaliex ladarba l-appellat ma jkunx hu ukoll appella mis-sentenza u partikolarment mill-kundanna ghal terminu ta' prigunerija - sia pure sospiza – dik il-kundanna tkun ghaddiet in gudikat u allura l-uniku "point in issue" quddiem din il-Qorti jkun jekk il-kundanna ghal zmien ta' prigunerija ghandhiex tidhol in effett minnufieh jew ghandiex tkun wahda sospiza skond l-artikolu 28A. Ghalhekk lanqas ma jkun possibbli ghal din il-Qorti li tikkonsidra xi xorta ta' provvediment iehor li forsi jkun aktar idoneju fic-cirkostanzi ta' xi kaz partikolari – bhal nghidu ahna dawk kontemplati fil-Kap. 446 – li mhumiex prekluzi li jigu moghtija w applikati minnhabba r-recidiva. Dan qed jintqal biex tigi senjalata din il-"pit fall" fejn l-akkuzat li jkun minghalih li l-kaz tieghu ser jintemm bi provvediment ta' sentenza sospiza - ovvjament ghas-sodisfazzjon tieghu - ma jsibx ruhu li, fi stadju t' appell, kollox jigi rovexxjat irrimedjabilment ghax hu ukoll ma jkunx appella , u hekk jaqa' kif jghidu bl-ingliz *"between two stools"* .**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuzi u addebiti kollha minnu ammessi w fejn obbligat lill-appellat sabiex ma jimmolestax lil Sharon Borg sa zmien sena fuq penali ta' Lm100 multa fin-nuqqas skond l-artikolu 383 tal-Kap.9 w tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellat ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt xhur liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-appellat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sena mid-data tas-sentenza appellata skond**

**l-artikolu 28A tal-Kap.9 u minnflok tikkundanna lill-appellat ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap.9 jekk u sa fejn dan huwa applikabbli w b'dan li t-terminu ta' sena li fih tibqa' sehh l-obbligazzjoni imposta fuq l-appellat skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tibda tiddekorri mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------